**Nru. 1202**

**L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**Applikazzjoni li għandha bżonn Stima tal-Impatt Ambjentali**

**Avviż skont Sezzjoni 8(5) tar-Regolamenti dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007)**

L-APPLIKAZZJONI msemmija hawn taħt teħtieġ stima tal-impatt ambjentali. L-applikazzjoni hi miġbura skont il-lokalità u tinkludi n-numru tal-applikazzjoni, it-titlu tal-iżvilupp u l-isem tal-applikant. Il-pubbliku jista' jara l-applikazzjoni fl-uffiċċju tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, Floriana waqt il-ħinijiet tax-xogħol.

Il-pubbliku hu mistieden jibgħat kummenti bil-miktub lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar materji li jkun jixtieq li jiġu inklużi fl-Istima tal-Impatt Ambjentali. Is-sottomissjonijiet għandu jkollhom id-dettalji tal-applikazzjoni kif jidhru hawn taħt. Il-kummenti għandhom jaslu għand l-Awtorità sa tliet ġimgħat mid-data ta' dan l-avviż. Aktar informazzjoni tinsab fuq il-*website* tal-Awtorità (http://www.mepa.org.mt/permitting-ea-main). Sottomissjonijiet jintlaqgħu wkoll permezz tal-posta elettronika fuq (eiamalta@mepa.org.mt). Dawn is-sottomissjonijiet għandhom jingħataw dan it-titlu: Sottomissjoni dwar l-EIA relatat ma' PA 02153/10 (EA00030/12).

Sit f'Ta' Rmiedi, Triq L-Imdina, Ħ'Attard — PA 02153/10 (EA 00030/12)

Biex jinbena ċimiterju bil-kooperazzjoni tal-Kunsilli Lokali ta' Ħ'Attard u r-Rabat
Is-Sur Ludwig Camilleri għal-Luqa Developments Ltd

It-30 ta' Novembru, 2012

**No. 1202**

**MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY**

**Application that requires an Environmental Impact Assessment**

**Notice in accordance with Section 8(5) of the Environmental Impact Assessment (2007) Regulations (Legal Notice 114/2007)**

The following development permit application is subject to an Environmental Impact Assessment. The application is set out by locality and includes the MEPA number, title of the development and the name of the applicant. Copies of this application can be seen at the offices of the Malta Environment and Planning Authority in Floriana.

The public is advised to submit in writing to the Malta Environment and Planning Authority, St. Francis Ravelin, Floriana, any issues it wishes to see included in the Environmental Impact Assessment. Submissions should contain details of the application as given below. More information can be obtained from the MEPA website: (http://www.mepa.org.mt/permitting-ea-main). All submissions are to reach the Malta Environment and Planning Authority within three weeks from this notice via mail or via e-mail on (eiamalta@mepa.org.mt) and should be clearly labelled with the following title: EIA submission on PA 02153/10 (EA00030/12).

*Site at Ta' Rmiedi, Triq L-Imdina, Ħ'Attard* — *PA 02153/10 (EA00030/12)*

*To construct a cemetery in cooperation with Attard and Rabat Local Councils.*
*Mr Ludwig Camilleri o.b.o Luqa Developments Ltd*

30th November, 2012

**Nru. 1203**

**ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U L-ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)**

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tal-Artikolu 10B tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, in-Nutar Francesca Spiteri Maempel biddlet kunjomha għal Schwalbe.

It-30 ta' Novembru, 2012

**No. 1203**

**NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)**

IT is hereby notified that in virtue of Article 10B of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, Notary Francesca Spiteri Maempel has changed her surname to Schwalbe.

30th November, 2012